MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 1016/2013

**Jane Caruana *sive* Caruana De Brincat, 759559(M), Hamrun, Seastar Court Flat 3, Triq Il-Qawra, San Pawl il- Bahar, bint Paul Micallef and Rita nee` Borg**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici datata 23 ta’ Ottubru 2013 fejn esponiet: -

1. Illi, l-kunjom 'Caruana De Brincat' beda jintuza minn, Alfred (mizzewweg u legalment separat mir-rikorrenta) u dan *stante* li missieru kellu kunjomu 'Caruana', filwaqt illi ommu kienet kunjomha xebba 'De Brincat' u dan kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid ta’ ragel ir-rikorrenta, numru ta' l-iskrizzjoni tlett elef u erbgha u hamsin tas-sena elf disa' mija u tlieta u hamsin (3054/53).

2. Illi, r-rikorrenta hija maghrufa bil-kunjom 'Caruana De Brincat' u dan fl-atti kollha tal-hajja civili, kif jidher f'dokumenti ufficjali kollha (kopja annessi u mmarkati bhala Dok JCD 1A - JCD 1B - JCD 1C u JCD 1D), u diversi kuntratti pubblici maghmula minnha kollettivament migbura u annessi u mmarkati bhal Dok JCD 2A - JCD 2B u JCD 2C.

3. Illi t-tifel, Natalino Caruana De Brincat, tar-rikorrenta huwa wkoll maghruf bil-kunjom 'Caruana De Brincat’ u dan fl-atti kollha tal-hajja civili, inkluza l-karta tal-identita', u passaport li kopja taghhom huma annessi u mmarkati Dok JCD 3A - JCD 38 u JCD 4 rispettivament. Dan tal-ahhar permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2009, bin-numru 706/2007.

4. Illi, ir-rikorrenta hija maghrufa wkoll bil-kunjom 'Caruana De Brincat' u dejjem uzat kontinwament u konsistentement dan il-kunjom

'Caruana De Brincat' fil-hajja pubblika u privata taghha, mal-qraba u hbieb u kif ukoll fuq il-post tax-xoghol, b'tali mod illi maghrufa bhala Jane Caruana De Brincat, u dan kif sejjer jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza (kopja ta’ kontijiet tas-servizzi u dokumenti tat-taxxa annessi u mmarkati bhal Dok JCD 5A - JCD 5B - JCD 5C).

5. Illi, ir-rikorrenta xtaqet tirregola l-pozizzjoni taghha u taffettwa t-tibdil necessarju sabiex l-atti ufficjali kollha, wara l-att taz-zwieg (kopja annessa u mmarkata bhal Dok JCD 6), tar-rikorrenta jirriflettu l-kunjom li bih hija maghrufa.

6. Illi, il-ligi taghtiha din il-fakulta` *a tenur* tal-Artikolu 253 (1) tal-Kodici Civili (Kap 15 tal-Ligijiet ta' Malta).

**<u>Talbiet</u>**

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenta qieghda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tordna li tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tar-rikorrenta minn wara l-att taz-zwieg; billi l-esponenta tigi maghrufa bhala Jane Caruana De Brincat,

u dana kollu taht dawk il-kundizzjonijiet u provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa li taghti u tordna.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2013.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 10 ta' Dicembru 2013 (fol 46) fejn espona : -

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi *in vena* preliminari, l-esponent jeciepixxi li r-rikorrenti jidher li bdiet taghmel uzu mill-kunjom "Caruana De Brincat" maz-zwieg ghax "Caruana" huwa l-kunjom ta' missier ir-ragel taghha u "De Brincat" huwa kunjom ommu. Pero' skont l-att taz-zwieg 2732/1976 (anness u mmarkat Dok. DRP 1) ir-ragel taghha huwa indikat bhala Alfred Caruana u fl-att iffirma bhala Alf. Caruana. Dan ifisser li maz-zwieg ir-ragel tar-rikorrenti kien qed jaghmel uzu mill-kunjom "Caruana" u mhux "Caruana De Brincat" tant li ffirma l-att taz-zwieg bhala "Caruana" u ghalhekk ikkonferma li l-informazzioni hija wahda korretta. Ma' dan isegwi li r-rikorrenti assumiet il-kunjom "Caruana" u mhux "Caruana DeBrincat".

3. Illi *inoltre* r-ragel tar-rikorrenti lanqas ma ghamel uzu mill-Form T skont l-artikolu 4(3) tal-Kap 16 biex izid kunjom xbubit ommu sabiex huwa jirregistra l-fatt li kien qed jaghmel uzu minn kunjom ommu wara dak ta' missieru u ghaldaqstant ghar-Registru Pubbliku kunjomu huwa "Caruana" u mhux "Caruana De Brincat".

4. Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti nkluz dak tas-seduta tas-27 ta’ Frar 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Martin Fenech ghall-attrici prezenti u Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr. Martin Fenech obbliga ruhu li fi zmien hmistax-il jum (15) minn dan il-verbal jipprezenta nota u jindika l-atti relattivi ghall-ewwel talba, bil-*visto* tad-difensur tal-kontro parti. Dr Martin Fenech ipprezenta nota b’ affidavits u dokumenti u li salv ghall-provi msemmija ddikjara li l-provi tieghu huma maghluqa. Il-partijiet qablu li d-Direttur tar-Registru Pubbliku m’ ghandux jigi addebitat bl-izball. Dr. Cremona irrileva li jekk il-Qorti tiddeciedi li tordna korrezzjoni, dan ghandu jsir permezz ta’ annotazzjoni fl-atti civili li jistghu jirrizultaw, fis-sens li r-rikorrenti hija maghrufa fil-kunjom Caruana De Brincat, u ghal bqija jiddikjara li m’ghandux provi ohra u rrimetta ruhu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-8 ta’ Mejju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza titratta dwar talba maghmula mir-rikorrenti sabiex isir tibdil fl-atti ufficjali wara l-att taz-zwieg peress li ilha konsistentement maghrufa bil-kunjom "*Caruana De Brincat*" minnflok "*Caruana."*

Jirrizulta mill-atti u provi esebiti li kunjom zewgha hu proprju "Caruana" u mhux "Caruana De Brincat" u dan l-ahhar kunjom ma jirrizultax registrat mar-Registru Pubbliku fuq atti civili tieghu, jew almenu ma tressqux provi f'dan is-sens.

Mhuwiex ikkontestat li kemm hi, kif ukoll zewgha, bdew juzaw dan il-kunjom wara l-ammendi li sehhew fil-Kodici Civili biz-zieda tas-subartikolu (3) ghall-artikolu 4 tal-istess li jipprovdi li f'kaz ta' ulied iz-zwieg li twieldu qabel is-7 ta' Awwissu 2007 (bhal ma hu l-kaz ta' Alfred Caruana), seta' jzid kunjom xbubit ommu wara l-kunjom ta' missieru u dan permezz ta' formola appozita (Formola T) li kellha ssir fi zmien sena mid-data tad-dhul fis-sehh tal-provvediment hawn imsemmi.

Izda Alfred Caruana ma ezercitax l-ghazla moghtija lilu skont l-istess sub-artikolu. Kieku ezercita din l-ghazla *"id-Direttur għandu jniżżel annotazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni f'kull att tal-istat ċivili tal-persuna li tkun hekk għamlet dik id-dikjarazzjoni. Din id-dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formola T għandha tkun irrevokabbli."* (Art 4(3) Kap.16).

Jirrizulta ghalhekk li Alfred Caruana De Brincat assuma kunjom xbubit ommu informalment u f'dan is-sens l-eccezzjoni sollevata mill-intimat hija f'waqtha.

Fl-affidavit ta' Natalino Caruana De Brincat, bin ir-rikorrenti saret riferenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-12 ta' Mejju 2009 (Cit 706/2007 u mhux 707/2007 kif erronjament indikat) fejn gie ordnat li fil-margni tal-att ta' twelid tieghu tizdied annotazzjoni fis-sens li huwa maghruf ukoll bil-kunjom Caruana De Brincat. Din l-annotazzjoni saret abbazi *inter alia* tal-fatt li missieru kien dejjem maghruf bil-kunjom "*Caruana De Brincat"* ghalkemm kunjomu fuq l-att tat-twelid ta' ibnu kien biss "Caruana."

Illi r-rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq l-artikolu 253(1) tal-Kodici Civili u fil-fehma tal-Qorti irnexxielha tipprova li hi maghrufa bil-kunjom "*Caruana De Brincat"* ufficjalment u pubblikament, u difatti esebiet kopji ta' diversi dokumenti ta' identifikazzjoni, kuntratti pubblici, estratti mir-Registru Elettorali, u korrispondenza ma' dipartimenti governattivi li jsostnu din il-prova.

Tinnota wkoll li l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Bit-talba odjerna r-rikorrenti qed titlob li t-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tar-rikorrenti minn wara l-att taz-zwieg. Ma hemmx dubju li l-kunjom ta' zewgha gie korrettement indikat bhala "Caruana" fl-att taz-zwieg, u minghajr il-Formola T li kellha tigi sottomessa , mhur mir-rikorrenti imma minn zewgha, ma jistax isir it-tibdil rikjest f'dak l-att.

Ghalhekk it-talba ghal tibdil fl-att taz-zwieg ma tistax tigi akkolta.

Izda billi jirrizulta palezament, kif fuq spjegat, li r-rikorrenti ghandha identita' pubblika u ufficjali bil-kunjom "*Caruana De Brincat*" din il-Qorti ser tilqa' t-talba limitatament billi tordna li r-rikorrenti ghandha tkun maghrufa ufficjalment bil-kunjom "*Caruana De Brincat*" f'dawk l-atti civili li jistghu jirrizultaw u millum ‘il quddiem.

Naturalment il-konvenut ma jaħtix ghal dak li gie allegat peress li ma sar l-ebda zball da parti tad-Dipartiment u ma għandux ibati spejjeż.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi **tilqa'** t-talba tar-rikorrenti fis-sens li jigi rikonoxxut li hija ghandha tkun maghrufa bhala "Jane Caruana De Brincat" f'dawk l-atti civili li jistghu jirrizultaw u millum ‘il quddiem.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------